MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 42/2007

Mary Anne Sultana .

Vs

Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex .

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Mary Anne Sultana, fejn wara li ppremettiet ;

1. Illi l-attriċi hija l-armla ta' George Sultana li miet fl-24 ta' Ottubru, 2006 kif jirrizulta mill-anness ċertifikat tal-mewt hawn anness u markat bħala dok 'A' ;

2. Illi fiċ-ċertifikat tal-mewt anness numru 299/2006 hemm żball fil-kolonna 'jekk hux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla. Whether married or unmarried, widower or widow' fis-sens illi minflok : "Widower of Grace Sultana nee' Camilleri"

għandu jkun hemm husband of Mary Anne Sultana nee' Gauci" .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-korrezzjoni ta' l-att tal-mewt anness numru 299/2006 fil-kolonna 'jekk hux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla . Whether married or unmarried, widower or widow fejn għandu jiniżżel husband of Mary Anne Sultana nee' Gauci" minflok "Widower of Grace Sultana nee' Camilleri" .

Bl-ispejjeż u bil-konvenut minn issa nġunt in subizzjoni .

Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors, u ċioe' ċertifikat tal-mewt ta' George Sultana; id-degriet tagħha tat-8 ta' Mejju 2007, fejn fuq talba tar-rikorrenti sabiex tipproċedi din il-kawża permezz ta' l-għajnuna legali, il-Qorti laqgħet it-talba .

Rat ukoll ir-riferta pożittiva tal-konvenut li ġġib id-data tad-19 ta' Ġunju 2007, innutat l-istess konvenut debitament notifikat b'dan ir-rikors għażel li jibqa' kontumaċi .

Semgħet lill-attriċi tikkonferma bil-ġurament tagħha l-kontenut ta' l-istess rikors, fl-udjenza tal-lum stess, 26 ta' Ġunju, 2007 .

Il-Qorti peress li jidhrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikata, tilqa' l-istess talba u tordna l-korrezzjoni ta' l-att tal-mewt bin-numru mitejn disgħa u disgħin tas-sena elfejn u sitta (299/2006), fil-kolonna intestata 'jekk hux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla' minflok il-kliem "Widower of Grace Sultana nee' Camilleri" għandu jitniżżel "Husband of Mary Anne Sultana nee' Gauci" .

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------